REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 824/2009

tad-9 ta' Settembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 u l-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwr l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 [2] ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.

(2) Fis-27 ta' Novembru 2008, il-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabilità (IASB) ippubblika emendi għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 39 u għall-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju 7 (*Riklassifikazzjoni tal-Assi Finanzjarji – Data Effettiva u Tranżizzjoni*) minn issa 'l quddiem "emendi għall-IAS 39 u l-IFRS 7." L-emendi għal IAS 39 u għal IFRS 7 jiċċaraw id-data effettiva u l-miżuri ta' transizzjoni tal-emendi għal dawk l-istandards maħruġa mill-IASB fit-13 ta' Ottubru 2008.

(3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti Tekniċi (TEG) tal-Grupp Ewropew dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) tikkonferma li l-emendi għall-IAS 39 u għall-IFRS 7 jilħqu l-kriterji tekniċi għall-adozzjoni kif stipulat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi [Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards] biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjonijiet tal-Grupp Ewropew dwar ir-Rappurtar Finanzjarju (EFRAG) [3], il-Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards qies l-opinjoni tal-EFRAG dwar l-approvazzjoni u lill-Kummissjoni taha l-parir li din hija bbilanċjata kif xieraq u oġġettiva.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Peress li jeħtieġ li dan ir-Regolament ma jiġix applikat retroattivament, ma hemmx il-bżonn li l-istrumenti finanzjarji li diġà tħejjew u ġew ippreżentati abbażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1004/2008 [4] jiġu emendati retroattivament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximenti u Kejl* u l-Istandard Internazzjonali għar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar* huma emendati kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fil-każ li kumpanija tkun diġà ppreżentat ir-rapporti finanzjarji tagħha f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1004/2008, ma hemmx il-bżonn li terġa' tippreżenta r-rapporti finanzjarji tagħha.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Charlie McCREEVY

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.
[3] ĠU L 199, 21.7.2006, p. 33.
[4] GU L 275, 16.10.2008, p. 37.

ANNESS

STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ

L-IAS 39 u l-IFRS 7	Riklassifikazzjoni ta' Assi Finanzjarji - Data Effettiva u Tranżizzjoni (Emendi għal IAS 39 Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl u IFRS 7 Strumenti Finanzjarji: Żvelar)

Riproduzzjoni permessa fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea. Id-drittijiet kollha eżistenti huma riżervati barra ż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tad-dritt ta' kkupjar għall-użu personali jew għal skopijiet oħra ta' kummerċ ġust. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-IASB fuq l-internet www.iasb.org

***Riklassifikazzjoni tal-Assi FinanzjarjiData Effettiva u Tranżizzjoni* (Emendi għall-IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl* u l-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar*)**

Emendi għall-IAS 39

Il-paragrafu 103G tħassar u żdiedu l-paragrafi 103H u 103I.

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

103H *Riklassifikazzjoni tal-Assi Finanzjarji* (Emendi għall-IAS 39 u l-IFRS 7), maħruġ f'Ottubru 2008, jemenda l-paragrafi 50 u AG8, u jżid il-paragrafi 50B-50F. Kull entità għandha tapplika dawk l-emendi fl-1 ta' Lulju 2008 jew wara. Entità ma għandhiex tirriklassifika assi finanzjarju skont il-paragrafu 50B, 50D jew 50E qabel l-1 ta' Lulju 2008. Kwalunkwe riklassifikazzjoni ta' assi finanzjarju mwettqa fl-1 ta' Novembru 2008 jew wara għandhom jidħlu fis-seħħ biss mill-jum meta ssir ir-riklassifikazzjoni. Kwalunkwe klassifikazzjoni mill-ġdid ta' assi finanzjarju skont il-paragrafi 50B, 50D jew 50E ma għandhiex tiġi applikata b'lura għal qabel l-1 ta' Lulju 2008.

103I *Riklassifikazzjoni tal-Assi FinanzjarjiData Effettiva u Tranżizzjoni* (Emendi għall-IAS 39 u l-IFRS 7), maħruġ f'Novembru 2008, emenda l-paragrafu 103H. Kull entità għandha tapplika dawk l-emendi fl-1 ta' Lulju 2008 jew wara.

Emendi għall-IFRS 7

Il-paragrafu 44E ġie emendat u żdied il-paragrafu 44F.

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

44E *Riklassifikazzjoni tal-Assi Finanzjarji* (Emendi għall-IAS 39 u l-IFRS 7), maħruġ f'Ottubru 2008, jemenda l-paragrafu 12 u jżid il-paragrafu 12A. Kull entità għandha tapplika dawk l-emendi mill-1 ta' Lulju 2008.

44F *Riklassifikazzjoni tal-Assi FinanzjarjiData Effettiva u Tranżizzjoni* (Emendi għall-IAS 39 u l-IFRS 7), maħruġ f'Novembru 2008, emenda l-paragrafu 44E. Kull entità għandha tapplika dawk l-emendi fl-1 ta' Lulju 2008 jew wara.